# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 18**

**Rikors numru 55/2018/1 TA**

**Simon Diacono, Frieda Diacono u Geot Trading Limited (C 15785)**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza ta' nhar is-16 ta' Ġunju 2022 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, permezz ta' liema ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u ma sabitx ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom hekk kif issalvagwardjati permezz tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-

Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni.

2. Ir-rikorrenti ressqu din l-azzjoni peress li jgħidu li s-soċjetà rikorrenti Geot Trading Limited ma ġietx imħallsa ta' diversi servizzi fornuti minnha lill-awtoritajiet Libjani. Li eventwalment tali nuqqas ta' ħlas wassal għal rovina finanzjarja tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti jsostnu li talbu l-għajnuna tal-Istat Malti sabiex jinterċedi għalihom u jassistihom jiġbru l-flejjes in kwistjoni però jsostnu li għalkemm l-Istat Malti għandu obbligazzjoni pożittiva sabiex jassisti, dan baqa' inadempjenti. Isostnu wkoll illi l-Istat Malti kellu fil-pussess tiegħu flejjes li allegatament jappartjenu lill-Gvern Libjan li permezz tagħhom setgħu ġew saldati l-ammonti dovuti lilhom.

3. Ir-rikorrenti, fis-<u>16 ta' Mejju 2018</u>, ressqu din l-azzjoni u <u>talbu</u> lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li l-Istat Malti, kif rappreżentat mill-Avukat Generali, naqas u għadu qiegħed jonqos li jagħti protezzjoni lir-rikorrenti u jiddefendi l-pretensjonijiet tagħhom kontra l-Gvern jew Stat Libjan u jittratta l-każ tagħhom mal-awtoritajiet Libjani kif fuq premess;
>
> 2. Tiddikjara li n-nuqqas hekk riskontrat jammonta għal lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif garantiti permezz tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, meħud kemm waħdu kif ukoll abbinat flimkien mal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;
>
> 3. Tordna lill-intimat Avukat Generali sabiex jieħu dawk il-passi u azzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha neċessarji għat-tutela tad-drittijiet tal-esponenti inkluż dawk il-passi neċessarji biex l-Istat Malti jieħu azzjoni effettiva biex jipproteġi l-interessi tal-esponenti u jassisti lill-esponenti biex jottjenu rimedju effettiv;
>
> 4. Tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u tagħti kull rimedju

neċessarju sabiex tispurga l-imsemmija vjolazzjonijiet;

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni u b'riżerva ta' kwalsijasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti inkluż azzjoni għad-danni naxxenti mill-fatt kif dikjarati".

4. L-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"(I) Illi fl-ewwel lok, fiċ-ċirkostanzi odjerni, l-esponent jirribatti li n-negozju li fuqu r-rikorrenti qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu ma kien jinvolvi bl-ebda mod il-Gvern ta' Malta stante li jidher li kien negozju privat li dwaru r-rikorrent għandu jerfgħa kull responsabbilita għall-kalkolu tar-riskju tal-istess negozju;

(II) Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li l-Gvern ta' Malta bl-ebda mod ma naqas lir-rikorrent kif qed jiġi allegat u konsegwentement ir-rikorrent għandu se mai jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu li huma ta' natura civili quddiem il-Qrati u l-Gurisdizzjoni kompetenti;

(III) Illi fit-tielet lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, fi kwalunkwe każ, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-ebda danni m'huma dovuti u t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur għandhom jiġu miċħuda;"

5. **L-Ewwel Qorti ddeċidiet is-segwenti:**

"Għaldaqstant, din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda taqta' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri bil-mod segwenti:

Tiċħad it-talbiet rikorrenti kollha.

Minħabba iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, spejjeż tal-proċeduri jibqgħu bla taxxa billi kull parti tissoporti l-ispejjeż tagħha."

6. Ir-rikorrenti intavolaw dan l-appell nhar is-6 ta' Lulju 2022. L-Avukat tal-Istat intavola risposta fid-29 ta' Lulju 2022.

7. L-appell tar-rikorrenti huwa msejjes fuq żewġ aggravji permezz ta' liema r-rikorrenti, in suċċint, jilmentaw li jħossuhom aggravati mill-fatt li (i) l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament sew tal-assjem tal-provi stante li l-Istat Malti ma tax assistenza adegwata lir-rikorrenti u dan l-Ewwel Qorti ma kkunsidratux (ii) l-Ewwel Qorti ma rrikonoxxietx li l-Istat Malti kellu fil-pussess tiegħu assi li jappartjenu lill-Istat Libjan li setgħu ġew utilizzati biex jiġu saldati l-flejjes dovuti lir-rikorrenti u dan qabel jintilef iċ-ċans stante li dawn l-istess assi jistgħu jiġu restitwiti.

8. L-Avukat tal-Istat, in suċċint, wieġeb billi in linea preliminari jgħid illi l-insenjament tal-Ewwel Qorti ma għandux għaliex jiġi ddisturbat. Li fil-każ odjern l-Istat Malti ma għandux ġurisdizzjoni fil-waqt li jgħidu wkoll l-Istat Malti għamel li seta' fiċ-ċirkostanzi. Jgħidu wkoll illi l-kreditu mhux ċar u li l-kwistjoni hija waħda purament ta' negozju. Jgħidu li r-rikorrenti ma għandhomx deċiżjoni ġudizzjarja favur tagħhom u li l-Istat Malti ma jistax jaqbad iqassam il-flus ta' terzi kif jidhirlu.

**Kunsiderazzjonijiet Fattwali**

9. Qabel tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet legali tagħha fuq l-aggravji mressqa, din il-Qorti, wara li fliet il-proċess ser tgħaddi biex tagħmel riassunt tal-fatti skont il-provi mressqa:

a. Is-soċjetà rikorrenti Geot Trading Limited, li tagħha r-rikorrent Simon Diacono huwa direttur u azzjonist maġġoritarju, hija kumpanija reġistrata Malta li kienet tagħmel negozju fil-Libja, inkluż ma' awtoritajiet Libjani. Frieda Diacono hija mart Simon Diacono;

b. Illi s-soċjetà rikorrenti qua appellanta ssostni illi daħlet f'*joint venture* mal-Medavia (ċjoè l-Mediterranean Aviation Company Limited), li ngħatat l-isem ta' GEOMED, sabiex tforni servizzi lil Gvern Libjan billi tagħmel tiswijiet u rinnovazzjoni ta' numru ta' vetturi tat-tifi tan-nar a benefiċċju tal-Municipalità ta' Tripli u tal-*Libyan Civil Defence*, kif ukoll biex tagħti taħriġ lit-tekniċi u operaturi tal-istess vetturi.

Simon Diacono permezz ta' affidavit (*fol.* 110 *et seq)* jixhed illi kien ilu jagħmel negozju mal-Medavia għal diversi snin.

Il-kuntratt relattiv ġie ffirmat fil-11 ta' Awwissu 2003. Jiġi nnutat li l-uniċi partijiet kontraenti ta' dan il-kuntratt kienu l-awtoritajiet Libjani u l-Medavia kif rappreżentata minn ċertu M.A.Zmirli (*fol.*13). La r-rikorrenti u lanqas GEOMED ma huma mniżżla bħala parti kontraenti. Jiġi nnutat li l-kuntratt kien soġġett għal-liġi Libjana. Il-Qorti rat ukoll il-verżjoni tradotta u mressqa mill-intimat appellat Avukat tal-Istat (*fol.*215 u *fol.* 216 *et. seq.)*

Skont xhieda ta' Anthony Diacono, ħu r-rikorrent li f'xi żmien kien *non-executive director* tas-soċjetà rikorrenti (*fol.* 78 *et seq.*), ix-xogħol sar kollu mis-soċjetà rikorrenti u l-Medavia kellha biss tiġbor il-flus. Xehed ċertu Peter Williams (*fol.89 et seq*.), li kien *Purchasing Manager* tal-Medavia u li kien ilu jaħdem mal-Medavia sa minn Frar 1991 u rtira f'Jannar 2018 u li spjega kif ġie attwat il-proġett in kwistjoni u li fil-prattika l-proġett seħħ mir-rikorrenti. Xehed ukoll illi sa fejn jaf hu l-awtoritajiet Libjani ma ħallsux għal dan il-proġett. Ċertu Margaret Calleja, *ex* assistenta personali tar-rikorrent Simon Diacono, xehdet fuq il-proġett u li s-soċjetà rikorrenti kienet tħallas il-ħaddiema u torganizza loġistika relatata. Tixhed li r-rikorrent Diacono kellu relazzjoni tajba mal-Prim Ministru tal-Libja u wieħed mit-tfal ta' Muammar Gaddafi (*fol.*134. *et seq*).

Ir-rikorrenti jgħidu li fl-2008 GEOMED kienu dovuti l-ammont ta' 607,008.14 Dinar Libjan. Jgħidu li effettivament dawn il-flus kienu dovuti lis-soċjetà rikorrenti stante li kienu ħadu ħsieb ix-xogħol. Jgħidu li talbu għall-ħlas ta' dawn is-servizzi però jgħidu li sfaw vittma ta' rikatti u rikjesti ta' tixħim. Anthony Diacono (*fol.* 78 *et seq.*) jixhed li kienu saru wkoll attentati mis-soċjetà rikorrenti sabiex jinġabru xi flejjes mill-Medavia stess, però skont ix-xhieda ta' Anthony Diacono, li kien xhud għall-telefonata bejn ċertu Zmirli

(*managing director* tal-Medavia) u terza persuna (Dr George Cassar, *chairman* tas-soċjetà LAFICO liema soċjetà kienet azzjonista fil-Medavia), kien jidher li s-soċjetà rikorrenti ma kienet ser tirċievi l-ebda flejjes u dan abbażi ta' dak li sema' mit-telefonata Anthony Diacono, li ma kienet tawgura xejn biex tiġi solvuta l-kwistjoni.

Simon Diacono permezz ta' affidavit (*fol.* 105 *et seq)* jixhed illi kien bagħat ittra legali lill-Medavia u li kellu wkoll inkontru maċ-Chariman tal-LAFICO ta' dak iż-żmien, Dr George Cassar, għal-liema kien preżenti Anthony Diacono. Ir-rikorrent Simon Diacono jgħid illi Dr Cassar infurmah li ma kienx konxju li r-relazzjoni bejn is-soċjetà rikorrenti u Medavia kellha l-problemi u anqas li ntbatgħet ittra legali. Jixhed, permezz tal-istess affidavit, li waqt li kien f'dan il-*meeting*, saret telefonata, bejn Zmirli u Dr Cassar fejn skont ix-xhieda ta' Diacono, li kien preżenti jisma' t-telefonata, Zmirli qal li r-rikorrenti ma missewx azzardaw bagħtu ittra legali u li kien ser jiġi attakkat in-negozju ta' ħu Simon Diacono. Jixhed, li wara li ħadem għal diversi snin ma Zmirli ġewwa l-Libja, kien jaf li Zmirli kellu ċertu poter, u b'hekk inkwieta aktar fuq l-effetti li din il-kwistjoni jista' jkollha fuq ħuh u n-negozju tiegħu li kien iħaddem ħafna nies fil-kumpanija tiegħu. Jixhed ukoll illi kien hemm interessi personali li bdew iwaqqfu lill-Medavia milli jitolbu għall-ħlas u li hemm konnessjoni

bejn il-Medavia u l-Gvern Libjan (*fol*. 338 et seq.).

Anthony Diacono in kontroeżami xehed li Simon Diacono beża' li kien ser ipoġġi l-impjieg ta' 400 ruħ, impjegati mas-soċjetà Medserv, fil-periklu u dan bħala konsegwenza tal-assoċjazzjoni bejn ir-rikorrent Simon Diacono u ħuh. Jixhed ukoll illi ċ-ċirkostanzi kienu tali illi azzjoni legali fil-Libja ma kinitx ser tirnexxi u li Simon Diacono beża' jieħu passi legali ulterjuri kontra l-Medavia.

Jingħad illi saru diversi attentati sabiex jinġabar dan il-kreditu u li wara diversi sforzi u żmien, fid-29 ta' April 2014, il-Municipalità ta' Tripli rrilaxxat dokument li bih irrikonoxxiet u aċċettat li kellha tħallas is-somma ta' 591,421.000 Dinar Libjan (ekwivalenti għal €455,000) għall-proġett relatat mat-tifi tan-nar. Madankollu jiġi nnutat li skont din l-imsemmija ittra (*fol.* 19) dak li rrikonoxxew l-awtoritajiet Libjani kien li l-ammont kien dovut lil Medavia u mhux lil GEOMED jew lis-soċjetà rikorrenti. Wara l-ħruġ ta' din l-ittra, Simon Diacono permezz ta' affidavit (*fol.* 105 *et seq)* jixhed illi kien ipprova jiġbor dawn il-flus però talbuh *commission* ta' nofs l-ammont.

c. Illi r-rikorrenti jsostnu illi s-soċjetà rikorrenti qua appellanta, b'mod separat mill-kwistjoni preċedenti, ġiet ukoll mitluba tforni tined kbar, li ġew maħduma fuq qisien speċifiċi. Dawn ġew mitluba minn

Khamis Qadhafi sabiex jintużaw mit-32nd Battallion of Buslim u ġie ffirmat kuntratt mal-Forzi Armati Libjani nhar id-19 ta' Ottubru 2007. Ġiet ippreżentata kopja informali tal-kuntratt, mhux iffirmata u li ma tagħmel l-ebda referenza għar-rikorrenti (*fol.* 20 et seq.).

Is-soċjetà rikorrenti ordnat dawn it-tined mingħand manifattur ġo Dubai u ħallset 20% (ammont ta' €470,000) tal-prezz u dan wara li akkwistat finanzjament bankarju mingħand il-FIMbank PLC permezz ta' *facility letter* datata 8 ta' Novembru 2007 li sussegwentement ġiet rimpjazzata b'ittra oħra tal-15 ta' Jannar 2008 (fol. 39 *et seq.* u fol. 145 *et seq*). Il-konjuġi Diacono personalment daħlu bħala garanti għal dan l-ammont (fol. 39 *et seq.* u fol. 159 *et seq*).

Fl-10 ta' Novembru 2007 it-tined kienu lesti sabiex jintbagħtu minn Dubai lejn il-Libja. Is-soċjetà rikorrenti tgħid illi ħallsu s-somma tal-istess tined, liema pagament kien garantit permezz ta' *letter of credit* maħruġa minn Amman Bank a favur ta' Bank of Valletta p.l.c. (fol. 50 *et seq)* (li sussegwentement ċeda din l-ittra lil FIMbank PLC) sabiex jiġi garantit il-ħlas tal-prezz tal-istess tined, u kif ukoll il-ġarr tagħhom. Din il-*letter of credit* kienet għall-ammont ta' €673,595.

Ġara iżda li l-awtoritajiet Libjani baqgħu qatt ma ġabru dawn it-tined u dan wara li bagħtu diversi struzzjonijiet ta' kif kienu ser jagħmlu dan. Illi b'hekk inqalgħu diversi kwistjonijiet u konsegwentement kellhom anke jiġu emendati l-*letter of credit* sabiex jirriflettu l-metodu ta' ġarr (billi l-istruzzjonijiet fir-rigward tal-modalità ta' ġarr inbidlu minn ġarr permezz tal-baħar għall-ġarr permezz tal-ajru diversi drabi). Illi ġew inkorsi aktar spejjeż mis-soċjetà rikorrenti kemm sabiex dawn it-tined jibqgħu maħżuna u kemm sabiex jiġu trasportati. Dan jixhdu Anthony Diacono (*fol.* 78 *et seq.*)

Eventwalment dawn it-tined ġew trasportati sal-*Freeport* ta' Misurata a spejjeż tas-soċjetà rikorrenti wara li ġiet infurmata, mill-awtoritajiet tal-Libja, li dawn it-tined ma riduhomx aktar. Is-soċjetà rikorrenti tramite Simon Diacono bdew jikkomunikaw mal-awtoritajiet Libjani sabiex dawn jiġbru u jħallsu t-tined ordnati, dan iżda kien mingħajr suċċess. Inqalgħu diversi kwistjonijiet oħra fosthom li l-awtoritajiet Libjani bdew jittentaw jixtru dawn it-tined bi prezz baxx, ir-rikorrent Simon Diacono safa' mhedded kemm il-darba, anke fiżikament, u anke arrestat f'daru ġewwa l-Libja u kellu anke jħallas ħamsa u erbgħin elf (45,000) Dinar Libjan wara li l-istess tined ġew maħtufa mill-awtoritajiet militari wara li daħlu bil-forza għalihom. Simon Diacono, permezz ta' affidavit (*fol.* 105 *et seq)* jixhed, illi l-Ewwel Segretarju tal-Ambaxxata Maltija fil-Libja,

Dr Joe Pirotta, kien iċempillu sabiex jiċċekja fuq il-benessere tiegħu. Wara dan kollu t-tined ġew mibgħuta Malta u Simon Diacono tħalla jiġi lura Malta wkoll.

Il-prezz tat-tined baqa' ma nġabarx u konsegwentement ma tħallasx anqas id-debitu dovut lil FIMbank PLC u l-istess bank fetaħ kawża lir-rikorrenti fejn b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Frar 2009 is-soċjetà rikorrenti ġiet iddikjarata debitriċi tal-FIMbank PLC fl-ammont ta' €471,818 għall-kapital lilha misluf, oltre l-ammont ta' €29,837.61 bħala imgħaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati mid-9 ta' Novembru 2007. A tenur tal-garanzija personali tagħhom, l-esponenti konjuġi Diacono *in solidum* bejniethom, u mas-soċjetà intimata, ġew ikkundannati jħallsu s-somma ta' (€470,000) (*fol.*58 *et. seq)*. Saru xi tentattivi ulterjuri sabiex jinbigħu dawn it-tined, però dawn ma waslu mkien.

Simon Diacono permezz ta' affidavit (*fol.* 105 *et seq)* jixhed fuq dak li seħħ miż-żmien li ntalab li jforni dawn it-tined saż-żmien meta ntavola l-azzjoni odjerna. Jixhed li din il-kwistjoni kellha wkoll impatt fuq ħajtu, familtu u fuq in-negozju tiegħu fil-Libja peress li dan kollu wassal sabiex ikollu diffikultà jagħmel negozju ieħor fil-Libja.

Renald Theuma (*fol.* 95 *et seq.)*, ex impjegat tal-FIMbank PLC, xehed fuq in-natura tat-tined u l-emendi fil-*Letter of Credit* frott it-tibdil fil-modalità ta' kif kellhom jinġabru t-tined, u fuq attentati li saru sabiex jinbiegħu dawn it-tined. Xehed ukoll Marc Agius Fernandez li ppreżenta dokumenti relatati mal-*letter of credit* u debitu in kwistjoni (*fol.* 141 inkluż dokumenti sa *fol*. 205).

Skont l-affidavit ta' Simon Diacono (*fol*.105 *et seq.*)*,* f'Jannar tal-2011, tkellem ma' Dr Karmenu Mifsud Bonnici li kien ser jipprova jorganizza *meeting* mal-Kurunell Muammar Gaddafi fir-rigward tal-kwistjoni tat-tined u dan sabiex jassisti r-rikorrenti. Il-preparamenti sabiex jivvjaġġjaw lejn il-Libja kienu saru però ġara li fi Frar tal-2011 bdiet ir-rivoluzzjoni ġewwa l-Libja u r-rikorrent Simon Diacono flimkien ma Dr Mifsud Bonnici ma vjaġġawx;

Skont l-affidavit ta' Simon Diacono (*fol.*105 *et seq.*) wara r-rivoluzzjoni tal-2011 tkellem mal-Ambaxxatur tal-Libja ta' dak iż-żmien, H.E. Dr. Vincent Camilleri, li tkellem mal-uffiċjali tal-armata u li skont Diacono, ġie rikonoxxut illi kellu jsir xi ħaġa fuq il-kwistjoni;

Skont l-affidavit ta' Simon Diacono (*fol*.110 *et seq*.) hu ltaqa ma' Mrs Fenech Pace għan-nom tal-Prim Ministru ta' Malta ta' dak iż-żmien u ċjoè Dr Lawrence Gonzi fl-2012. Diacono kien sema' li ser

isir *meeting* bejn il-Prim Ministru ta' Malta u l-Prim Ministru tal-Libja Zeidan u kien ikkuntattja lil istess Fenech Pace li qaltlu li l-kwistjoni tiegħu kienet fuq l-agenda. Jgħid li wara dan ġara episodju fejn waqt li kien il-Libja ġie kkuntattjat minn persuni li jaħdmu ma' Zeidan u għamlulu wkoll żjara fejn offrewlu li jagħtihom nofs l-ammont bħala kummissjoni u nofs l-ieħor joħodhom flus kontanti bħala ħlas. Diacono rrifjuta, kif jixhed, għaliex xorta kien ser jibqa' mdejjen u kien ta' riskju għall-ħajtu li jivvjaġġa b'ħafna flus kontanti.

d. Oltre l-episodji msemmija, ir-rikorrenti, tramite Simon Diacono:

   i. Bagħtu ittra datata l-31 ta' Lulju 2015, mibgħuta mid-difensur tar-rikorrenti, lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin liema ittra spjegat is-sitwazzjoni relatata mad-dejn dovut u għamlet referenza għall-fondi miżmuma mill-Bank Ċentrali ta' Malta li jappartjenu lil Libja u li kienu miżmuma minħabba sanzjonijiet tal-Ġnus Maqgħuda (*fol.208)*. Din l-ittra ġiet imwieġba permezz ta' ittra datata l-1 ta' Settembru 2015 minn Neville Aquilina, Direttur Ġenerali permezz ta' liema r-rikorrenti, tramite d-difensur tagħhom, ġew infurmati illi minħabba ċ-ċirkostanzi fil-Libja, ma kinux f'pożizzjoni illi jqajmu dil-kwistjoni mal-awtoritajiet Libjani u li ma jistgħux jintużaw flejjes maqbuda stante li dawn kellhom jiġu dikjarati li jappartjenu lill-awtoritajiet Libjani u in oltre s-soċjetà rikorrenti jkollha tistitwixxi hi azzjoni ġudizzjarja. In

konklużjoni intqal illi l-kwistjoni tas-Sur Diacono kienet ser titqajjem mal-ewwel ċans possibbli meta s-sitwazzjoni fil-Libja tinnormalizza (*fol. 210).*

ii. Fis-6 ta' April 2017 kitbu lill-Avukat Ġenerali u lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin (*fol.* 62) u għamlu referenza għall-flejjes maqbuda Malta, allegatament tal-Gvern Libjan, fuq ordni tal-*United Nations Security Council* wara ħruġ ta' sanzjonijiet u sabiex l-Istat Malti jagħmel li jista' inkluż li titressaq kawża quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Għal-liema t-tweġiba, fil-21 ta' April 2017, kienet illi l-kwistjoni kienet waħda privata u li l-Gvern ta' Malta ma setax iressaq kawżi għan-nom tar-rikorrenti kontra l-Gvern Libjan (*fol.*65). Intbagħtet ittra oħra fit-30 ta' Mejju 2017 mir-rikorrenti (*fol. 66)*.

e. Maria Camilleri Calleja, Direttur Ġenerali Politiku u Affarijiet tal-Unjoni Ewropea fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (*fol.223 et seq)* tat riassunt tal-isforzi li saru min-naħa tal-Ministeru u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru[1]:

i. Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin kien iqajjem kwistjonijiet ta' *outstanding dues*, ċjoè krediti, li l-awtoritajiet Libjani kellhom a

[1] Ix-xhud għamlet ukoll referenza għad-dokumenti interni li ma ġewx eżebiti u li huma mmarkati bħala 'internal correspondence' ġo *fol.* 233 *et seq.*

favur ta' persuni privati u kemm pubbliċi Maltin, mal-Malta Libyan Joint Commission. Però l-aħħar darba li ltaqgħet din il-Kummissjoni kien fl-2013;

ii. Fil-31 ta' Lulju 2012 sar skambju bejn id-Direttur Ġenerali ta' dak iż-żmien Helga Mizzi u r-rikorrent Simon Diacono fejn Diacono għadda dokumentazzjoni rigward il-każ tiegħu (*fol.*235);

iii. Fl-1 ta' Awwissu 2012 intbagħat dossier lill-Ambaxxata Maltija fi Tripli b'informazzjoni rigward il-każ;

iv. Fit-12 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrent talab aġġornament u tkellem mad-*Desk Officer* tal-Libya u li r-rikorrenti kien ser jivvjaġġja lejn il-Libja;

v. Fl-14 ta' Ottubru 2012 l-Ministeru rċieva *email* mill-Ambaxxata Maltija fi Tripli fejn ġie nfurmat li kien qiegħed jiġi studjat il-każ tar-rikorrenti u li kien jidher li fir-rigward tat-tined kienu saru xi offerti min-naħa tal-Gvern Libjan però dawn ma ġewx aċċettati mir-rikorrenti għax l-offerti kienu baxxi wisq;

vi. Fil-15 ta' Ottubru 2012 Simon Diacono issottometta *timeline of events*;

vii. Bejn is-17 u t-18 ta' Ottubru 2012 intalbet aktar informazzjoni mid-*Desk Officer* tal-Libya (*fol.*274);

viii. Fis-26 ta' Ottubru 2012 intbagħtet *email* fejn ir-rikorrent Simon Diacono ta riassunt tal-kwistjonijiet kollha, irrikonoxxa l-isforzi ta' Dottore Joseph Cassar u Dottore George Cassar u staqsa sabiex

ikun preżenti f'*meetings* fejn kienu ser jiddiskutu l-kwistjoni tiegħu (*fol.293)*;

ix. Fis-26 ta' Ottubru 2012 reġgħet ġiet mitluba aktar informazzjoni u dokumentazzjoni;

x. Fil-31 ta' Ottubru 2012 intbagħtet nota verbali mill-Ambaxxata Maltija fi Tripli lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u ta' Koperazzjoni Internazzjonali tal-Libja fi Tripli, ix-xhud semmiet ukoll lill-protokol tal-Armata Libjana. Permezz ta' din in-nota saret referenza għall-każ, ingħata kopja tal-kuntratt u tal-*letter of credit* u hemmhekk uffiċjalment il-Gvern Libjan intalab biex jieħu azzjoni dwar dan il-każ. Ir-rikorrent ġie nfurmat b'dan fis-6 ta' Novembru 2012;

xi. Fil-5 ta' Novembru 2012 intbagħtet *email* mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi lill-Ambaxxatur ta' Malta fil-Libja, is-Sur Victor Camilleri, ikkupjat ukoll fl-*email* ir-rikorrent Simon Diacono, fejn l-Ambaxxatur intalab jispjega x'passi jistgħu jieħdu u talab lis-Sur Diacono jagħti iktar dettalji dwar il-każ. F'din l-*email*, il-Prim Ministru kiteb illi mhux itella' l-aspettativi ta' ħadd minħabba illi jidher illi ma kienx ċar jekk l-ammonti in kwistjoni setgħux jiġu rkuprati.

xii. Fis-6 ta' Novembru 2012 ir-rikorrent Simon Diacono ipprovda l-informazzjoni rikjesta (*fol.* 295 *et seq.)*.

xiii. Fis-16 ta' Novembru 2012 il-Prim Ministru Lawrence Gonzi, kien

irrisponda lis-Sur Simon Diacono u kkonferma illi x-xeħta tal-każ ma tidhirx inkoraġġanti ħafna, imma l-Gvern ħa jibqa' jipprova. Dr Gonzi offra lir-rikorrenti Diacono li jinterċedi għalih mal-Bank of Valletta. Ġie rrimarkat ukoll illi r-rikorrenti għandu jikkomunika ma' avukat Libjan sabiex jiġi gwidat u jara x'inhuma l-possibilitajiet li tittieħed azzjoni ġudizzjarja fil-Libja (*fol.* 297 *et seq.)*. Jidher li r-rikorrent Simon Diacono ltaqa' ma' rappreżentant tal-Bank of Valletta, ċertu Mr White (*fol.* 300 *et seq.*);

xiv. Fis-17 ta' Novembru 2012 kien hemm komunikazzjoni bejn l-Ambaxxatur ta' Malta fi Tripli, Victor Camilleri, u s-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien John Paul Grech fejn tkellmu dwar il-każ biex jaraw x'jista' jsir fiċ-ċirkostanzi li kienet fihom il-Libja;

xv. Fit-18 ta' Dicembru 2012 kien hemm komunikazzjoni interna bejn l-Ambaxxata u l-Ministeru, fejn ingħatat informazzjoni dwar laqgħa bejn l-Ambaxxatur Victor Camilleri u Simon Diacono, fejn is-sitwazzjoni kienet ġiet diskussa u Simon Diacono kien qal lill-Ambaxxatur Victor Camilleri li hu kien ser jikkomunika direttament mal-Awtortajiet Libjani fi sforz parallel, li kien qed isir mill-Awtoritajiet Maltin biex ikun hemm *high level meeting* mal-Ministeru tad-Difiza.

Dan jixhed fuqu wkoll Victor Camilleri tramite l-affidavit tiegħu (*fol* 329);

xvi. Fil-21 ta' Frar 2013, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Francis Zammit Dimech għadda *aide-memoire* b'lista ta' *outstanding dues* li l-awtoritajiet Libjani kellhom a favur entitajiet Maltin fosthom tas-Sur Diacono;

xvii. Fil-5 ta' April 2013, kien hemm rikjesta għall-aġġornament mill-Ministeru lill-Ambaxxata u fis-7 ta' April 2013 l-Ambaxxata kienet qalet illi l-unika reazzjoni Libjana li kienet irċeviet għall-*aide-memoire* kien fuq każ li ma kellux x'jaqsam ma' dak tas-Sur Diacono;

xviii. Fis-27 ta' April tal-2013 l-Ambaxxata kkonfermat li kien hemm aktar diskussjonijiet fuq *outstanding dues* mhux relatati ma dawk tas-Sur Diacono.

xix. Fit-30 ta' Mejju 2013 kien hemm *email* mir-rikorrent Simon Diacono fejn ta riassunt tas-sitwazzjoni tiegħu (*fol.*300);

xx. Fit-3 ta' Ġunju 2013, l-Ambaxxatur ta' Malta fil-Libja offra illi jakkumpanja lis-Sur Diacono għall-kwalunkwe *meetings* illi jista' jkollu man-naħa Libjana u l-Ambaxxatur tenna l-isforzi li kien qed jagħmel sabiex jistabbilixxi kuntatt mal-Ministeru tad-Difiża Libjan u l-uffiċċju ta' akkwisti;

xxi. Fit-13 ta' Ġunju 2013, l-Ambaxxatur Malti fi Tripli għadda informazzjoni lill-Ministeru rigward l-isforzi illi kienu saru mal-Ministeru tad-Difiża Libjan fir-rigward tal-każ (*fol.*299);

xxii. Fit-13 ta' Ġunju 2013 kien hemm *email* min-naħa tal-Ambaxxatur lid-*Desk Officer* u lill-Simon Diacono fejn l-Ambaxxatur informa illi instabu l-kuntatti fil-Libja sabiex jiġi diskuss il-każ in kwistjoni u li hu kien iltaqa' mad-Direttur tal-Military Procurement fil-Ministeru tad-Difiża u r-rispons tiegħu kienet '*reasonably encouraging'*. Id-Direttur Libjan kien informa lill-Ambaxxatur illi lest li jwaqqaf kumitat biex jeżamina d-dokumenti illi ssottometta l-Ambaxxatur. L-awtoritajiet Libjani kienu ħadu in konsiderazzjoni r-relazzjonijiet bilaterali eċċellenti bejn Malta u l-Libja u stqarrew illi hemm ix-xewqa illi jgħinu biex din il-problema tissolva u sabiex ir-relazzjoni ma tiġix disturbata;

xxiii. Fit-13 ta' Ġunju 2013 is-Sur Diacono bagħat email fejn irringrazzja lill-Ambaxxatur u rrimarka li din hija *an important first step*;

xxiv. Fl-4 ta' Novembru 2013 is-Sur Diacono bagħat *email* lid-Direttur Ġenerali fejn staqsiha għal aktar assistenza, u d-Direttur Ġenerali rrispondiet li tista' tiltaqa' miegħu ħalli jevalwaw is-sitwazzjoni u informatu li dak iż-żmien kien għadu kif ġie stabbilit *Legal Unit* fil-Ministeru illi kien qed jikkunsidra dawn il-każijiet (*fol.*303*)*;

xxv. Fit-13 ta' Novembru 2013 ġiet miftiehma laqgħa bejn il-Ministeru u r-rikorrent (*fol.* 302*)*;

xxvi. Fid-19 ta' Novembru 2013 kien hemm rapport ta' laqgħa bejn Simon Diacono u d-Desk Officer tal-Libja fil-Ministeru tal-Affarijiet

Barranin. Is-Sur Diacono kien issuġġerixxa illi '*The Government puts Libyan funds in Malta in escrow*' u l-Ministeru kkummenta illi għalkemm hemm *limited resources* u ċirkostanzi diffiċli, l-Ambaxxata qed tipprova tagħmel mill-aħjar li tista' u r-rikorrent waqt din il-laqgħa talab illi jkollu aġġornament dwar il-kumitat intern li kien wiegħed illi jwaqqaf id-direttur tal-Military Procurement fil-Ministeru tad-Difiza Libjan. Informazzjoni dwar dan il-Ministeru ma kellux u r-rikorrent kien issuġġerixxa illi jkun hemm kumitat konġunt fejn il-Maltin kollha illi kellhom krediti x'jiġbru mill-awtoritajiet Libjani sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu mal-uffiċjali tal-Gvern Libjan. Il-Ministeru innota d-diffikulta sabiex jiġu identifikati l-uffiċjali Libjani pertinenti għal tali diskussjonijiet.

xxvii. Fl-20 ta' Novembru 2014 l-Ambaxxata ta' Malta fil-Libja waqfet topera u baqgħet magħluqa (*fol.* 232).

xxviii. Fl-4 ta' Frar 2019 il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dr Joseph Muscat, kien qajjem il-kwistjoni tar-rikorrenti mal-Prim Ministru Libjan, Fayez al-Sarraj (wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna).

f. Fix-xhieda tiegħu Joseph Pirotta, senjatament in kontroeżami (*fol.* 331) jgħid illi Maltin li kienu jaħdmu l-Libja ma kinux neċessarjament jgħaddu mic-*channels* tal-Ambaxxata u kien hemm negozju li mar tajjeb u oħrajn le. Jixhed illi r-rikorrent ġieli kellu meetings mal-ambaxxatur u li mhux dejjem kien preżenti f'dawn il-*meetings*. Jgħid

li fl-aħħar tax-xahar kien jikkontribwixxi għar-rapport tal-ambaxxata. Jixhed li ma jaħsibx li kien hemm xi suġġeriment li għandha tittieħed azzjoni legali kif issuġġerixxa r-rikorrent quddiem l-*International Court of Justice*.

g. Fil-kontroeżami tiegħu (*fol.*338) Victor Camilleri jgħid illi ma kienx ingħatalu *handover* iżda huwa kien sar jaf bil-każ meta saret komunikazzjoni miegħu mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Xehed li fil-prattika ħares lejn il-*files* u beda jipprova jindaga ma' min jista' jikkomunika mill-awtoritajiet Libjani. Xehed li fil-prattika ma tingħatax *handover* iżda li jiġri hu li l-ambaxxatur ikun responsabbli mill-*files*. Jispjega li hu wasal il-Libja dakinhar li miet il-Kurunell Muammar Gaddafi u li kien qiegħed jaħdem f'ċirkostanzi straordinarji u li kien f'April 2012, wara li saret elezzjoni, li l-amministrazzjoni Libjana reġgħet bdiet torganizza ruħha. Jispjega li qabel u wara l-elezzjoni kien hemm sistema differenti fir-rigward anke ta' liema kuntatti setgħu jsiru.

Jispjega illi meta kien jaħdem ġewwa l-Ambaxxata Maltija fil-Libja ma kinux jeżistu ċ-ċirkostanzi sabiex il-Libja tittieħed quddiem l-*International Court of Justice* għaliex ma kienx hemm gvern li setgħa jirrispondi għal xi azzjoni. Jgħid li wara li telaq mill-Libja is-sitwazzjoni fil-Libja gravat.

h. Fil-kontroeżami tiegħu r-rikorrenti Simon Diacono (*fol.*338 *et seq.)* jixhed illi meta jsir xi negozju fil-Libja dejjem kienet kwistjoni diffiċli li wieħed jitħallas u li hija n-norma li wieħed idum xhur. Jiċċara illi fir-rigward tal-kuntratt relatat mat-trakkijiet tat-tifi tan-nar is-soċjetà rikorrenti kellha arranġament mal-Medavia. Spjega li wara d-diffikultajiet li kellu hu sabiex jiġbor il-flejjes imsemmija, kumpaniji Libjani oħra waqfu jħallsuh anke għal servizzi offruti tramite kumpanija tiegħu oħra ġewwa l-Libja. Spjega li investa ħafna ħin jiġri minn uffiċċju għall-ieħor jipprova jirnexxielu jiġbor il-pagamenti. Jispjega li l-ittra li biha l-awtoritajiet Libjani rrikonoxxew li kien hemm dejn fir-rigward tat-trakkijiet tan-nar inħarġet wara li hu mar ifittex ġewwa arkivji bl-għajnuna ta' kuntatt mil-Libja. Jerġa' jispjega li apparti ittra legali ma nbagħtet l-ebda ittra oħra lill-Medavia u anqas istitwixxa xi azzjoni fil-qrati Maltin. Din l-ittra ma ġietx eżebita.

Fil-kontinwazzjoni tal-kontroeżami (*fol 346*[2] *et seq)* tinġibed l-attenzjoni li l-iskrittura privata bejn is-soċjetà rikorrenti u Medavia, li nehdiet il-*joint venture* jista' jkun li ma ġietx esebita. Reġa' spjega wkoll is-sitwazzjoni relatata mat-trasport tat-tined u l-azzjoni legali mittieħda mill- FIMbank PLC u jikkonferma li t-tined għadhom Malta. Fil-kontroeżami ulterjuri tar-rikorrent Simon Diacono (*fol.* 341) jgħid li t-tined miżmumin għand il-Medserv huma tal-FIMbank PLC u kull

[2] Din il-Qorti tinnota numeraġġ skorrett fil-proċess tal-Ewwel Qorti.

meta tkun ser issir xi azzjoni fir-rigward tal-istess il-FIMbank PLC jikkorrispondu mar-rikorrenti. Ġew ippreżentati dokumenti ulterjuri mir-rikorrent inkluż sentenza favur il-BOV bi kreditu kontra r-rikorrenti (*fol.*305).

i. Diversi xhieda oħra qalu li s-sitwazzjoni fil-Libja kienet waħda partikolari (Andrew Diacono, Simon Diacono, Maria Camilleri Calleja, Victor Camilleri, Joseph Pirotta), kemm qabel u kemm wara r-rivoluzzjoni tal-2011 li permezz tagħha ġie mwaqqa' r-reġim tal-Kurunell Muammar Gaddafi. Diversi xhieda jgħidu li l-mod kif kien isir in-negozju u kif jimxu l-affarijiet fil-Libja kien wieħed partikolari u li wara r-rivoluzzjoni kien hemm ukoll il-kwistjoni relatata mar-rikonoxximent tal-gvern uffiċjali fil-Libja li kienet qiegħda tiġi mmexxija minn tliet gvernijiet (*fol.* 232) u l-Ambaxxata ta' Malta fil-Libja kellha tagħlaq fl-2014.

j. Fix-xhieda tiegħu Dr Lawrence Gonzi (*fol.* 362 *et seq.*) jikkonferma fatti abbażi tad-dokumenti eżebiti mat-taħrika tiegħu *(fol.355 et seq.)* Jixhed li r-relazzjoni bejn Malta u l-Libja tmur lura snin u li meta faqqgħet ir-rivoluzzjoni l-Gvern ġie inondat bi stejjer ta' Maltin li kienu nqabdu hemm u kien hemm diversi diskussjonijiet sabiex jiġu evakwati persuni mil-Libja. Jispjega li f'dak il-mument ma kienx qiegħed jinnegozja mal-Libja iżda kienet sitwazzjoni fejn bir-rivoluzzjoni għaddejja l-Gvern ta' Malta kien qiegħed jagħmel ħiltu

sabiex joħroġ in-nies mil-Libja. Xehed li f'dak il-perjodu ma kinux qed jiġu diskussi każijiet speċifiċi, li kellu biss żewġ kuntatti mill-Gvern Libjan u li każijiet speċifiċi kienu jgħaddu via t-*taskforce* fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

10. Din il-Qorti tibda sabiex tinnota li kif saħqet korrettement l-Ewwel Qorti:

> Dan huwa wieħed minn dawk il-każi li jippreżenta fatti speċie li huma għal kollox differenti minn dawk li ordinarjament tirriskontra il-Qorti meta jkun qiegħed jiġi allegat ksur ta' dritt fundamentali taħt Artikolu 1 tal-Ewwel protokoll tal-Konvenzjoni.

11. Minn analiżi tal-atti din il-Qorti tifhem li l-pern tal-kwistjoni kollha hi li r-rikorrenti jħossuhom aggravati li l-Istat Malti skonthom ma qegħdiex dawk l-obbligi li jitnisslu mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem liema obbligi jirrikjedu li Stat Kontraenti tal-Konvenzjoni mhux biss ma jinterferix fit-tgawdija tal-proprjetà ta' persuni privati iżda li l-istat jagħmel li jista' sabiex persuna fil-ġurisdizzjoni tiegħu tkun tista' tgawdi l-proprjeta' tagħha. Dan in-nuqqas, jgħidu r-rikorrenti, wassal għall-ksur tad-drittijiet tagħhom hekk kif salvagwardjati permezz tal-Ewwel Artikolu

tal-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

12. Din il-Qorti hija mitluba tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti abbażi ta' żewġ aggravji.

13. L-Ewwel Qorti kkunsidrat, sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha, s-segwenti:

> "Il-Qorti tibda biex tafferma mingħajr ebda tlaqliq, li għaliha huwa ovvju, li ġaladarba jesisti l-obbligu indiskutibbli tal-Istat li ma jagħmel ebda ħaġa li tista' tikser xi wieħed mid-drittijiet fundamentali elenkati fil-Konvenzjoni (negative duty), dan il-prinċipju għandu inerenti fiħ, l-obbligu l-ieħor, li għandu dejjem jaġixxi biex dak id-dritt ma jkunx miksur (positive duty) (ara fost oħrajn Gaskin -vs- the United Kingdom, 23 June 1989, §41.). Għal Qorti, dawn iż-żewġ obbligi huma ż-żewġt uċuħ tal-istess munita.
>
> L-Istat għandu l-obbligu li joħloq klima fejn id-drittijiet essenzjali tal-individwu li jolqtu l-integrita' tiegħu ikunu salvagwardati. Fil-fatt, fl-assjem tiegħu, kapitolu Tnejn tal-Kostituzzjoni, apparti kapitolu Erbgħa, jiggwida lill-istat fuq dan il-prinċipju ġenerali u vitali, fejn kull individwu jkun jista' jilħaq il-milja tal-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu fis-Soċjetà.
>
> Effett extra-territorjali
>
> Stabbilit li l-istat għandu d-dmir posittiv kif fuq spjegat, imiss li jkun trattat jekk dan l-obbligu jibqax jiġri wara l-Istat kontraenti għall-Konvenzjoni, f'każ li xi wieħed miċ-ċittadini tiegħu, barra mit-territorju tiegħu, ikollu d-drittijiet tiegħu fundamentali miksura minn Stat barrani. Irid ikun ksur, tali li kieku twettaq fit-territorju tal-Istat kontraenti kien mingħajr dubbju prima facie jirrendi lill-Istat passibbli għall-ksur ta' dritt fundamentali tal-Bniedem.
>
> Irid jitqies, x'jorbot l-Istat Malti mal-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti dwar fatti li seħħew fit-territorju libjan. Ir-rikorrent irid li jottjeni minn din il-Qorti dikjarazzjoni li l-istat Malti naqas milli jħares d-dmir posittiv tiegħu li jipproteġiħ u li naqas milli jħares id-drittijiet proprjetarji tiegħu. Għalhekk, li jrid ikun determinat huwa, jekk l-obbligu tal-Istat Malti kif spjegat, issibx l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' dmir posittiv extra-territorjalment għal dak li ġara lir-rikorrenti fit-territorju libjan.

Fin-nota tagħhom, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għal dak li jiddisponi l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni u ċjoè li "The High Contracting Parties shall secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in Section I of this Convention." Il-Qorti tistqarr, li hija kemm xejn perplessa peress li l-obbligu li jimponi dan l-artikolu fuq l-Istati kontraenti huwa fir-rigward tad-drittijiet u libertajiet li jinsabu fl-ewwel sezzjoni (Section 1 of this Convention). Il-perplessita' tinsab fil-fatt, li l-ħarsien tal-proprjeta' u tgawdija tal-possedimenti taħt artikolu 1 tal-Ewwel protokoll ma hiex parti minn din is-sezzjoni tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti mhux ser tavventura tgħid dan x'jista' jfisser, għaliex wara kollox huwa paċifiku u rikonoxxut, li l-Istat Malti huwa firmatarju għal din il-protokoll u għalhekk, minkejja din l-ambigwita' fit-test tal-konvenzjoni, huwa xorta marbut li jħares dan id-dritt. Imma l-Qorti ħasset li kellha tissenjala dan il-punt.

Fil-fhema ta' din il-Qorti, ċ-ċavetta għar-risoluzzjoni ta' din il-kwistjoni huma l-kliem "within their jurisdiction". Dan qiegħed jingħad, għaliex biex jissusisti d-dmir posittiv tal-Istat kif fuq spjegat, l-attivita' trid taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Istat kontarenti, li fiha nnifisha hija il-vejikolu li jiġbed warajħ l-vagun ta' extra-territorjalita'. Dan għaliex, jekk fiċ-ċirkostanzi jinstab, li dak li għadda minnu ir-rikorrent fil-Libja b'xi mod jikkonvolġi wkoll lill-Istat Malti, allura tkun inqabeż l-aħħar ostakolu, pjuttost ta' natura proċedurali aktar milli ta' sustanza, biex din il-Qorti tgħaddi sabiex tikkonsidra fil-mertu dak li qiegħdin jitolbu r-rikorrenti.
Ir-rikorrenti, insostenn tat-talbiet tagħhom u sabiex isaħħu t-teżi tagħhom, li fiċ-ċirkostanzi l-Istat Malti kellu d-dmir posittiv li jassisti u jagħmel minn kollox biex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jirkupraw mingħand l-Awtoritajiet Libjani il-flejjes li kellhom jieħdu, jagħmlu referenza għal każ ta' X -vs- The United Kingdom tal-1977. Il-Qorti fliet din is-Sentenza sewwa u għalkemm huwa minnu li ġie ennunċjat il-prinċipju li l-Istat għandu jassisti liċ-ċittadini tiegħu f'territorji barranin biex ikunu salvagwardjati id-drittijiet tal-individwu (f'dan il-każ kien il-ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni), il-fattispecie ta' dan il-każ ma humiex esattament bħal dak li għandha quddiemha l-Qorti.

Fil-każ ta' X, ir-Renju Unit kien direttament interressat għaliex f'dak il-każ X riedet lill-Awtoritajiet tal-Gordan joqgħodu għal Deċiżjoni ta' Qorti Ingliża dwar kustodja ta' minuri. Iġifieri, bejn dak li qiegħed jiġri fil-Gordan u territorju tar-renju Unit, kien hemm rabta bis-saħħa ta' Sentenza Ingliża li kellha tkun segwita' jew esegwita. Prinċipju li huwa ukoll rikonoxxut minn trattati internazzjonali dwar l-esekuzzjoni ta' Sentenzi barranin jekk mhux ukoll mill-liġijiet domestiċi tal-pajjiż, bħal ma hu fil-każ ta' Malta, b'Titolu V tas-Sub-titolu IX tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward l-Avukat Generali jargumenta, li sabiex tkun radikata ġurisdizzjoni ta' Stat kontraent ai fini ta' applikazzjoni ta' extra

territorjalita', irid ikun hemm xi xorta ta' ness kawżali bejn dak li jkun ġarrab individwu f'art barranija u l-Istat kontarenti azzjonat.

Din il-Qorti għalhekk eżaminat ħafna mis-Sentenzi tal-ECHR dwar dan il-punt. Il-Parti kbira minnhom jirrigwardaw sitwazzjonijiet ta' natura militari fejn Stat aderenti għall-konvenzjoni jwettaq xi att ta' aggressjoni fi stat ieħor jew jkun qiegħed jokkupa parti mit-territorju ta' dak l-Istat l-ieħor jew għandu kontroll fuq dak it-territorju. Iġifieri huwa manifestament ċar li teżisti rabta bejn it-territorju fejn ikun kommess l-att u l-pajjiż aderenti għall-Konvenzjoni.

Fil-każ ta' Andreas Manitaras -vs- it-Turkija tat-3 ta' Gunju 2008 intqal hekk:

> "that having effective overall control over northern Cyprus, Turkey's responsibility could not be confined to the acts of its own soldiers or officials in northern Cyprus but was also engaged via the acts of the local administration which survived by virtue of Turkish military and other support. It followed that Turkey's jurisdiction extended to the entire range of Convention rights violations, which were imputable to Turkey. The area in which the alleged acts took place was on the territory of the "Turkish Republic of Northern Cyprus".

Iżda l-aktar ċar huwa dak li intqal fil-każ ta' El Skeini u oħrajn -vs- Ir-Renju Unit tas-7 ta' Lujlu 2011 fejn intqal hekk:

Dwar azzjoni kontra konsulati u aġenti tal-istat f'territorju barrani dawn jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' Stat kontraenti meta "*it is clear that the acts of diplomatic and consular agents, who are present on foreign territory in accordance with provisions of international law, may amount to an exercise of jurisdiction when these agents exert authority and control over others" (Emfażi tal-Qorti. Ibid El Skeini).* Dan ifisser li l-aġir li allegatament jikser id-drittijiet fundamentali jrid ikun fil-kontroll ta dawn l-uffiċjali. Fi ftit kliem, l-Istat kontraenti irid jkun b'xi mod fil-posizzjoni rejali u konkreta, li nfluwenza id-deċiżjonijiet jew atti tal-Istat barrani. F'kelma waħda, ma jridux ikunu sabu lilhom infushom koinvolti ex/post facto, b'talbiet għall-assistenza dwar xi fatt li huma ma kienux parti għalih jew kellhom u għad jista' jkollom kontroll fuqhom.

L-awturi josservaw li "This potentially very wide scope of extraterritorial jurisdiction could imply that provided there exists a sufficiently tangible link between the extraterritorial act of a Convention State and the individual right bearer residing outside the State's territory, the State is under a positive obligation to take the necessary steps within its power and in accordance with international law to protect Convention rights against violations by private parties, including corporations." (Emfażi tal-Qorti. Ara Submission to the Special Representative of the United Nations Secretary General (SRSG) on the issue of Human Rights and Transnational Corporations and Other Business Enterprises DANIEL AUGENSTEIN

April 2011, pg 25). Dan il-bran ikompli jsaħħaħ il-prinċipju tar-rabta tanġibbli bejn l-att extra-territorjali u l-Istat kontraenti li kontra tiegħu tinġieb l-azzjoni miċ-ċittadin tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, din il-Qorti eżaminat il-fatti li għandha quddiemha. Li ma kienx għall-fatt li l-Libja, kemm qabel u kif ukoll wara r-revoluzzjoni, qatt ma jidher li kellha sistema ta' Gustizzja b'saħħitha, ir-rikorrenti kien ikollhom id-dritt li jmorru quddiem Qorti imparzjali biex jitolbu dak li huwa bi dritt tagħhom (ara xhieda ta' Anthony Diacono a' fol fol 83 tergo kif ukoll ta' Simon Diacono Stess).

Illum aktar minn qabel, l-istat tal-affarijiet f'dan il-pajjiż iddegeneraw f'kaos, kif fil-fatt għadu jidher li għadhom sal-lum. Kien hemm mumenti twal, li l-anqas il-kommunita' internazzjonali ma kienet taf ma' min ser titratta bħala Gvern, peress li jidher li kien hemm aktar minn wieħed. Problema li affettwat gravament is-suċċessjoni tal-Istati partikularment wara revoluzzjoni bħal dik li seħħet fl-2011. Għal din is-sitwazzjoni ma jaħtix l-Istat Malti. L-inċertezza li joffri dan il-pajjiż minn dejjem kienet teżisti u dan saħansitra jammettiħ ir-rikorrent Simon Diacono (ara a' fol 340 tergo). Bl-inkwiet tal-gwerra ċivili, din il-vertenza kompliet tikber.

Il-Qorti ma setgħet issib xejn fl-atti li jista' jorbot lill-Istat Malti ai fini ta' applikazzjoni ta' ġurisdizzjoni extra-territorjali kif jispjegaw is-Sentenzi u l-awturi. Il-konvenut ma kien involut f'ebda mod fil-kuntratti invokati mir-rikorrenti, liema kuntratti huma b'ħafna lakuni, partikolarment fir-rigward tal-partijiet li suppost huma legalment vinkolati b'dak li hemm fihom. Il-Qorti setgħet tiddesumi minn kien il-benefiċċjarju mid-diversi letter of credits u dokumenti maħruġa mill-Banek li kienu involuti (a'Fol 37, 50, 121 u minn 157 sa 190).

L-anqas ma jista' jingħad, li l-Istat Malti kien involut b'mod kollaterali, bħal per eżempju, inġiebet il-prova, li n-negozju li għamlu ir-rikorrenti kien frott ta' skemi jew inċentivi provokati mill-Gvern Malti biex jinkoraġixxi negozju fil-Libja. L- uniku rabta li teżisti, jekk tista' issejjħilha hekk, hija waħda ta' natura diplomatika, bil-fatt li ħafna li jiġrilhom bħar-rikorrenti, inevitabilment ifittxu l-għajnuna tal-ammbaxxati u konsulati ta' pajjiżhom fil-pajjiż barrani.

L-unika konnessjoni li jista' għandha rilevanza għall-kwistjoni in eżami, huwa l-fatt li ir-rikorrenti jgħidu li jeżistu xi fondi ffriżati li jista' jkun jappartjenu lill-Gvern Libjan u li jinsabu Malta. Ir-rikorrenti bħal donnu qiegħed jimmira li parti minn dawn il-flus jinżammu mill-Istat Malti biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tagħhom (ara ittra legali a' fol a. fol 208). Però jidher, li dawn l-assi għad iridu jkunu dikjarati li tassew jappartjenu lill-Gvern Libjan peress li għad trid issir il-prova f'dan ir-rigward (ara a' fol 210 ittra ta' Neville Aquilina mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin). Imma l-anqas li kieku, dan il-fatt waħdu ma hux biżżejjed biex ikun jista' jingħad li hemm xi responsabbilita minn naħa

tal-Istat Malti, li jista' jkollha effetti extra-territorjali inkwantu għal dak li qed jitolbu r-rikorrenti. Il-preżenza tal-assi imsemmija hija aċċidentali u mhux relatata man-negozju li għamlu r-rikorrenti mal-Awtoritajiet Libjani. Din il-Qorti ma tistax issib dik ir-rabta konkreta u tanġibbli biex tassew tkun konvinta li għandha tapplika il-prinċipju imsemmi fil-każ ta' X-vs-United Kingdom biex wara tkun tista' tqis il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti.

Għalhekk it-talbiet tagħhom ser ikunu miċħuda. B'dana kollu, il-Qorti tagħmel appell lill-Gvern Malti sabiex jibqa' jagħmel sforz bil-mezzi kollha diplomatiċi li għandu disponibbli sabiex jassisti lir-rikorrenti jieħdu mill-Gvern Libjan dak li huma jgħidu li huma ntitolati għalih bi dritt."

## L-Ewwel Aggravju

14. Permezz tal-Ewwel Aggravju r-rikorrenti in suċċint isostnu illi:

".. l-Ewwel Qorti ghamlet analizi mill-punto di vista gurisprudenzjali dwar jekk kienx jirrizulta ksur tad-drittijiet fundamentali tal- esponenti o meno, jigi <u>sottomess bl-akbar rispett illi ma saritx analizi fattwali li tikkomprendi dak kollu li kienu qed jillanjaw minnu l-esponenti u dan wassal biex Ewwel Qorti, skorrettement, cahdet it-talbiet tal-esponenti</u>…

..Però dak li bl-akbar rispett ma qiesitx l-Ewwel Qorti kien in-nuqqas ta' koperazzjoni tad-diplomatici Maltin fil-Libja meta l-esponenti resqu ghandhom ghall-ghajnuna, kif ukoll in-nuqqas tal-Istat Malti li b'mod attiv jintervjeni biex jassisti lic-citadin tieghu. Il-fatt huwa li Simon Diacono talab l-ghajnuna ta' diversi ambaxxaturi fuq medda ta' zmien u talab ukoll l-ghajnuna ta' ministri u prim ministri li kienu fil-kariga, dawn bagghu ma wasslu ghall-ebda rizultat. L-esponenti kienu qed jillanjaw illi huma ma kinux ged isibu koperazzjoni adegwata da parti tal-Istat Malti u d-diplomatici tieghu. Dan l-aspett bl-akbar rispett l-Ewwel Qorti ma analizzatux."

Ir-rikorrenti jargumentaw li kien hemm diversi nuqqasijiet u li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li f'rapporti li kienu jintbagħtu kull xahar ma kienx issemma l-każ tar-rikorrenti. Jargumentaw li dan mhux każ fejn l-Istat Malti ma seta' jagħmel xejn iżda fejn ma għamel xejn anke meta kellu

ċans li jagħmel. Jargumentaw li mhux sew li ma tqajmitx il-kwistjoni meta kien hemm taħdidiet fuq livell internazzjonali. Jikkwotaw ukoll dokument maħruġ mill-Kunsill Ewropew liema jgħid:

> "*The universally applied principle is that the acts of a State's officials, including diplomatic and consular agents, bring other persons or property within the jurisdiction of that State to the extent that they exercise authority over such persons or property. Thus, the respondent State's jurisdiction" has been recognised in two contexts: when the manner in which diplomatic or consular agents defended the interests of their country's nationals was colled into question, or when the physical control exercised over the applicant's person or property was called into question.*"

Jillamentaw illi l-Ewwel Qorti, fl-ebda ħin ma analizzat kif aġixxew id-diplomatiċi u l-aġenti konsulari Maltin u li b'referenza għall-każ "X v. the United Kingdom" (applikazzjoni pru 7547/76), a differenza tal-każ odjern, il-Qorti Ewropea analizzat dan u sabet li s-servizzi diplomatiċi kienu għamlu dak li setgħu. Jgħidu li ma sarx dak kollu li seta' jsir fil-każ odjern.

15. L-Avukat tal-Istat wieġeb billi saħaq illi l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti ma għandux jiġi ddisturbat. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx il-lanjanza mil-lenti tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll. Jgħidu li qabel kollox wieħed għandu jikkunsidra jekk ir-rikorrenti għandhomx aspettattiva leġittima għall-kreditu in kwistjoni, li ma jeżisti l-ebda ġudikat fil-konfront tal-kreditu u kif ukoll jekk il-ġrajja tal-appellanti tiġbidx lejha l-ġurisdizzjoni tal-Istat Malti abbażi tal-kunċett tal-extra-territorjalita' għaliex mhux biżżejjed li r-rikorrenti jgħixu fi Stat li huwa parti kontraenti tal-Konvenzjoni Ewropea. Wara riassunt tal-fatti jgħidu illi żgur

li l-Istat Malti ma ħallhiex kollox jorqod u li r-rikorrenti ngħataw l-għajnuna kollha raġonevolment possibbli. Jindirizza l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni u l-extra-territorjalità u li ma teżistix ġurisprudenza lineari.

16. **Din il-Qorti tibda sabiex tosserva li kemm l-Ewwel Qorti**, kemm ir-rikorrenti u kemm l-Avukat tal-Istat indirizzaw il-kwistjoni odjerna minn lenti differenti. L-Ewwel Qorti tidher li mxiet mal-argumenti mressqa mill-Avukat tal-Istat fir-rigward ta' ġurisdizzjoni u extra-territorjalità u ddeterminat il-kawża billi kkonkludiet li ma hemmx ness bejn il-ġrajjiet li ġarrbu r-rikorrenti u l-Istat Malti.

17. Din il-Qorti tifhem illi r-rikorrenti mhumiex jisħqu li b'xi mod l-Istat Malti jisfa' responabbli għall-dak li kien għaddej il-Libja fil-konfront tar-rikorrenti, u ċjoè għall-fatt li terzi ma ħallsux lir-rikorrenti. Iżda dak li talbu l-istess rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom kien li ssir dikjarazzjoni li l-Istat Malti, inkluż l-aġenti diplomatiċi tiegħu, ma għenux lir-rikorrenti biżżejjed, meta l-Istat intalab l-għajnuna mir-rikorrenti sabiex jiġbru l-flejjes tagħhom u dan stante li l-Istat, tramite d-diversi rappreżentanti tiegħu, ma ħadux biżżejjed inizjattiva sabiex jassistu lill-istess rikorrenti jirkupraw il-flejjes in kwistjoni. Dak li saħqu r-rikorrenti huwa li abbażi tal-aġir tal-aġenti tal-istat Malti, bħall-eżempju meta skonthom l-Istat Malti ma qajjimx il-kwistjoni f'taħditiet li saru ma' awtoritajiet Libjani, jew meta inbidel ambaxxatur minn ieħor u ma ngħatax *handover* kif skonthom kellu

jsir, wassal sabiex l-Istat Malti naqas milli jiddefendi l-pretensjonijiet tagħhom kontra l-awtoritajiet Libjani u li dan wassal għall-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti. Il-kawża tar-rikorrenti hija mibnija fuq allegazzjoni li l-Istat naqas li jassisti u mhux li l-Istat kien il-kaġun tad-debitu inkors mir-rikorrenti. Huwa f'dak is-sens allura li tressaq l-aggravju u anke t-talbiet u huwa għal din ir-raġuni li din il-Qorti ser tikkunsidra l-aggravji u mhux sempliċiment tiddikjara li ma għandux jiġi ddisturbat l-insenjament tal-Ewwel Qorti.

18. Fil-każ odjern ir-rikorrenti talbu u rċevew għajnuna mill-Istat Malti tramite d-diversi rappreżentanti tiegħu. Huwa appuntu dak l-aġir jew in-nuqqas ta' aġir sal-grad li ppretendew ir-rikorrenti li qiegħed jiġi mitlub li jiġi indagat mill-Qorti.

19. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-Istat għandu obbligu pożittiv li jipproteġi d-drittijiet ta' individwi fil-ġurisdizzjoni tiegħu. F'dan il-każ għandek mhux biss ċittadini Maltin, iżda soċjetà b'sede f'Malta, li daħlu f'negozju kemm ma kumpanija rreġistrata Malta, li utiliżżaw banek f'Malta u li fl-aħħar mill-aħħar sfaw dikjarati debituri tramite sentenzi tal-Qrati Maltin u li li kieku tħallsu kienu ser jifdu dejn ma' banek ibbażati f'Malta. Din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti għandu b'hekk jiġi indirizzat.

20. Sabiex jiġi determinat seħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti,

senjatament tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll għandu jiġi indirizzat jekk il-proprjetà in kwistjoni taqax fil-parametri tal-Konvenzjoni u ċjoè fid-definizzjoni ta' possediment. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti jqisu l-krediti li l-esponenti għandhom jiġbru mil-Libja jammontaw għal possediment bħala l-possediment li jiskatta l-applikabilità tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll.

21. Il-Qorti tagħmel referenza għall-Broniowski v. Poland[3] fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem saħqet illi:

> "129. The concept of "possessions" in the first part of Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning which is not limited to the ownership of material good and is independent from the formal classification in domestic law. In the same way as material goods, certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as "property rights", and thus as "possessions" for the purposes of this provision. In each case the issue that needs to be examined is whether the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest protected by Article 1 of Protocol No. 1 (see Iatridis v. Greece [GC], no. 31107/96, § 54, ECHR 1999-II, and Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, § 100, ECHR 2000-I)."

u referenza għall-Marckx v. Belgium[4]

> "(c) An applicant can allege a violation of Article 1 of Protocol No. 1 only in so far as the impugned decisions related to his "possessions" within the meaning of this provision. "Possessions" can be either "existing possessions" or assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right. By way of contrast, the hope of recognition of a property right which it has been impossible to exercise effectively cannot be considered a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1, nor can a conditional claim which lapses as a result of the non-fulfilment of the condition (see Prince Hans-Adam

[3] Application no. 31443/96
[4] Application no. 6833/74

II of Liechtenstein v. Germany [GC], no. 42527/98, §§ 82-83, ECHR 2001-VIII, and Gratzinger and Gratzingerova v. the Czech Republic (dec.) [GC], no. 39794/98, § 69, ECHR 2002-VII)."

u referenza għall-Vod Baur Impex S.R.L. v. Romania[5]

"44. The Court reiterates that, according to its established case-law, "possessions" can be "existing possessions" or assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right (see, among many other authorities, Kopecký v. Slovakia [GC], no. 44912/98, § 35, ECHR 2004-IX)…>>

48. The parties' point of divergence does not appear to concern the entitlement to compensation either (see paragraph 42 above), but rather lies in whether the applicant company pursued its claims for compensation in the domestic courts in an inappropriate manner.

49. In that connection, the Court observes that both the seller (see paragraphs 15 and 20 above) and the domestic courts (see paragraphs 18, 22 and 25 above) acknowledged at all times that the above-mentioned loss of property entailed the right of the applicant company to be compensated for that loss, as provided for by domestic law. However, while the first-instance court considered that the compensation could be paid on the basis of the seller's liability for dispossession, and thus accepted the applicant company's claims in part (see paragraphs 18-19 above), the Court of Appeal and the High Court disagreed, the latter also indicating expressly that the compensation in question could only be claimed by means of an action seeking reimbursement of the price paid following the annulment of the contract of sale (see paragraphs 22 and 25 above).

<u>50. Therefore, in the Court's view, the applicant company could be considered to have a "legitimate expectation" that its claim would be dealt with in accordance with the applicable laws and that it would be able to obtain reimbursement of the disputed sum (see, for instance and mutatis mutandis, Pressos Compania Naviera S.A. and Others v. Belgium, 20 November 1995, § 31, Series A no. 332, and S.A. Dangeville v. France, no. 36677/97, § 48, ECHR 2002-III).</u>

51. Accordingly, the applicant company had a pecuniary interest which was recognised under domestic law and which was subject to protection under Article 1 of Protocol No. 1.

52. It is true that the existence of such a claim does not exempt the applicant company from pursuing that claim diligently by relying on the

[5] Application no. 17060/15

> appropriate legal provisions capable of offering appropriate redress. This issue, however, goes to the merits of the case and shall be examined at that stage (see, mutatis mutandis, Plechanow v. Poland, no. 22279/04, § 86, 7 July 2009)."

22. Jiġi osservat li r-rikorrenti għal diversi raġunijiet għażlu li ma jressqux xi azzjoni ġudizzjarja la fil-konfront tal-Medavia u anqas fil-konfront tal-awtoritajiet Libjani. Din il-Qorti tifhem, mill-assjem tal-provi, illi dan mhux neċessarjament kien possibbli minħabba perikli li setgħu kienu reali. Madankollu dan ifisser li r-rikorrenti ma għandhomx titolu eżekuttiv fil-konfront tagħhom. Jingħad però li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxiet illi possediment jista' jkun talba li bl-aspettattiva leġittima twassal sabiex persuna tgawdi dritt proprjetarju (**ara** Pressos Compania Naviera S.A. and Others v. Belgium[6]; J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd v. the United Kingdom [GC][7]; Von Maltzan and Others v. Germany (dec.) [GC][8] (c); Kopecký v. Slovakia [GC][9] ).

23. Speċifikament fir-rigward tad-debitu relatat mat-trakkijiet tan-nar irid jingħad illi hemm ċertu dubju ta' kemm fil-verità l-aspettattiva leġittima tar-rikorrenti li xi darba ser jirreklamaw dan id-dejn issostni ruħha u dan meta mid-dokumenti eżebiti, speċjalment l-ittra ta' rikonoxximent ta' kreditu mill-awtoritajiet Libjani, datata 29 ta' April 2014 (*fol.*19), kwalunkwe kreditu jidher li huwa a favur soċjetà terza u fil-każ odjern r-

---

[6] 20 November 1995, Series A no. 332
[7] no. 44302/02, ECHR 2007-III
[8] [GC], nos. 71916/01 and 2 others, ECHR 2005-V
[9] [GC], no. 44912/98, ECHR 2004-IX

rikorrenti ma ħadet l-ebda passi ġudizzjarji fil-konfront ta' dik is-soċjetà sabiex tiġbor flejjes dovuti lilha. Din il-Qorti tifhem li s-sitwazzjoni kienet waħda unika u bl-ebda mod ma hi qiegħda tissottovaluta l-periklu li nħass. Imma mix-xhieda anke ta' Simon Diacono u Anthony Diacono, ma jidhirx li qatt kien hemm ħsieb li tittieħed azzjoni legali, wara li l-isforzi kemm tar-rikorrenti u kemm dawk diplomatiċi ma waslu mkien u wara anke tibdil fil-*personnel* maniġerjali tas-soċjetà terza kkonċernata.

24. Fil-każ tal-kreditu tat-tined li kellhom jiġu fornuti lill-awtoritajiet Libjani jingħad li s-sitwazzjoni hija forsi xi ftit diversa stante li mill-provi joħroġ li kwalunkwe flejjes li kellhom jinġabru għat-tined in kwistjoni kienu ser jappartjenu lis-soċjetà rikorrenti.

25. Madankollu oltre li din il-Qorti mhux il-forum ġust sabiex jingħadda ġudizzju fuq kwistjonijiet ċivili fir-rigward ta' terzi mhux parti minn dil-kawża, din il-Qorti ma tistax tinjora li fl-interità tagħhom il-provi juru biċ-ċar l-isforzi li saru sabiex jinġabru dawn il-flejjes, anke b'interventi mill-Istat Malti. Konsegwentement u fil-parametri tat-talbiet hekk kif imressqa mir-rikorrenti, għall-finijiet tal-każ odjern din il-Qorti ser tikkunsidra li l-krediti in kwistjoni jaqgħu fil-parametri ta' possediment.

26. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi mressqa u l-atti ta' din il-kawża u fid-dawl anke tal-konsiderazzjonijiet tal-fatti diġà magħmula, din il-Qorti

ma tħossx li l-Istat Malti naqas lir-rikorrenti, iżda li għamel li seta' fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, liema ċirkostanzi jinkludu (1) r-relazzjoni partikolari bejn Malta u Libja, (2) in-natura tad-dejn u l-partijiet involuti sabiex sar dak id-dejn, (3) ir-rivoluzzjoni u t-tibdil fl-amministrazzjoni tal-Istat Libjan u n-nuqqas ta' ambaxxata Maltija fil-Libja sa mill-2014 li waslu għal stat ta' inċertezza u nstabbilità fil-pajjiż minn dan iż-żmien, (4) l-involviment tal-Istat Malti snin wara li dawn il-krediti ġew krejati u l-fatt li l-Istat Malti ġie biss mitlub jassisti lir-rikorrenti u ma kellu l-ebda involviment fin-negozju, (5) id-diversi noti, *aide-memoires* li ntbagħtu (6) l-attenzjoni mogħtija lir-rikorrenti u d-diversi persuni involuti sabiex jagħtu assistenza lir-rikorrenti inkluż inkontri li saru anke ma rappreżentanti tal-awtoritajiet Libjani.

27. Din il-Qorti tifhem illi dak li fl-aħħar mill-aħħar iridu r-rikorrenti huwa li jitħallsu, però dan mhuwiex fil-kontroll tal-Istat Malti. Mil-lenti tar-rikorrenti nuqqas ta' suċċess ifisser il-ksur tad-drittijiet tagħhom, madankollu din il-Qorti ma tistax tiddetermina l-kwistjoni minn din l-ottika. Fl-aħħar mill-aħħar jekk għandu jsir xi ħlas, dan kellu jsir jew minn soċjetà terza u/jew mill-awtoritajiet Libjani. L-Istat Malti jista' jassisti permezz tal-mezzi diplomatiċi, kif huwa evidenti li għamel, però qatt ma jista' jagħti garanzija li r-rikorrenti ser jiġbru l-kreditu pretiż minnhom. Din il-garanzija ma tistax tingħata, mhux biss għaliex hemm involut Stat sovran li l-Istat Malti ma għandu l-ebda setgħa fuqu iżda għaliex l-Istat Malti ma jistax

iġiegħel persuni kemm fiżiċi u morali u Stati Membri li jwettqu obbligazzjonijiet li jkunu assumew fil-konfront ta' Maltin li magħhom ikun sar negozju. Huwa appuntu f'dan l-istadju, li tidħol il-kwistjoni tal-extra-territorjalità u kemm fil-fatt l-Istat ghandu ġurisdizzjoni li jimponi l-liġijiet tiegħu oltre l-konfini ġurisdizzjonali tiegħu u kemm fil-verita jista' jinfluwenza dak li jixtiequ r-rikorrenti. Huwa hawn fejn il-Qorti taqbel ma dak li saħqet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' territorjalità:

> "Il-Qorti ma setgħet issib xejn fl-atti li jista' jorbot lill-Istat Malti ai fini ta' applikazzjoni ta' ġurisdizzjoni extra-territorjali kif jispjegaw is-Sentenzi u l-awturi. Il-konvenut ma kien involut f'ebda mod fil-kuntratti invokati mir-rikorrenti, liema kuntratti huma b'ħafna lakuni, partikolarment fir-rigward tal-partijiet li suppost huma legalment vinkolati b'dak li hemm fihom. Il-Qorti setgħet tiddesumi minn kien il-benefiċċjarju mid-diversi letter of credits u dokumenti maħruġa mill-Banek li kienu involuti (a'Fol 37, 50, 121 u minn 157 sa 190).
>
> L-anqas ma jista' jingħad, li l-Istat Malti kien involut b'mod kollaterali, bħal per eżempju, inġiebet il-prova, li n-negozju li għamlu ir-rikorrenti kien frott ta' skemi jew inċentivi provokati mill-Gvern Malti biex jinkoraġixxi negozju fil-Libja. L- uniku rabta li teżisti, jekk tista' issejjħilha hekk, hija waħda ta' natura diplomatika, bil-fatt li ħafna li jiġrilhom bħar-rikorrenti, inevitabilment ifittxu l-għajnuna tal-ammbaxxati u konsulati ta' pajjiżhom fil-pajjiż barrani."

28. Din il-Qorti tifhem li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti kienet u hija waħda diffiċli u li tifhem din id-diffikultà mill-għarbiel tagħha tal-fattispecie tal-każ. Madankollu wara li qieset dan kollu ma tqisx li b'xi mod l-Istat Malti naqas tant li hu kiser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

**It-Tieni Aggravju**

29. Ir-rikorrenti qua appellanti jibnu t-Tieni Aggravju tagħhom fuq il-fatt

li llum il-ġurnata l-Qrati tagħna taw sentenza fejn iddikjaraw li jeżistu assi li għandhom jiġu restitwiti lill-Istat Libjan. Dan jgħiduh wara s-segwenti kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti:

> "L-unika konnessjoni li jista' għandha rilevanza għall-kwistjoni in eżami, huwa l-fatt li ir-rikorrenti jgħidu li jeżistu xi fondi ffriżati li jista' jkun jappartjenu lill-Gvern Libjan u li jinsabu Malta. Ir-rikorrenti bħal donnu qiegħed jimmira li parti minn dawn il-flus jinżammu mill-Istat Malti biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tagħhom (ara ittra legali a' fol a. fol 208). Però jidher, li dawn l-assi għad iridu jkunu dikjarati li tassew jappartjenu lill-Gvern Libjan peress li għad trid issir il-prova f'dan ir-rigward (ara a' fol 210 ittra ta' Neville Aquilina mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin). Imma l-anqas li kieku, dan il-fatt waħdu ma hux biżżejjed biex ikun jista' jingħad li hemm xi responsabbilita minn naħa tal-Istat Malti, li jista' jkollha effetti extra-territorjali inkwantu għal dak li qed jitolbu r-rikorrenti. Il-preżenza tal-assi imsemmija hija aċċidentali u mhux relatata man-negozju li għamlu r-rikorrenti mal-Awtoritajiet Libjani. Din il-Qorti ma tistax issib dik ir-rabta konkreta u tanġibbli biex tassew tkun konvinta li għandha tapplika il-prinċipju imsemmi fil-każ ta' X-vs-United Kingdom biex wara tkun tista' tqis il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti."

30. Permezz ta' dan, ir-rikorrenti appellanti jgħidu li la kien hawn flejjes li jappartjenu lill-Gvern Libjan f'Malta, dawn misshom ġew utilizzati sabiex jiġi saldati l-ammonti reklamati mir-rikorrenti.

31. Dan l-aggravju huwa rritu daqs kemm hija irrita din il-pretensjoni. Permezz ta' dan l-aggravju, dak li essenzjalment hu mistenni mill-Istat Malti huwa li b'mod abbużiv jissekwestra flejjes ta' terzi sabiex iqassam lil min jidhirlu u dan bla ebda awtorizzazzjoni jew bażi leġittima u aktar u aktar mingħajr xi titolu eżekuttiv favurih. L-affarijiet ma jimxux hekk. Allaħares l-Istat Malti jista' jaqbad flus ta' terzi u jagħmilhom tiegħu sempliċiment għax huwa l-Istat. Dak mistenni huwa assurd u ma jsibx

postu ġewwa pajjiż li huwa mistenni jirrispetta s-saltna tad-dritt.

32. Dan l-aggravju huwa b'hekk miċħud.

**Deċide**

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell jiġu sopportati mir-rikorrenti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr